KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## IT-TMIEN (8) LEĠISLATURA

***Laqgħa Numru Sittax (16)***

***l-Erbgħa, 8 ta' April, 2020***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' b'mod virtwali ghal-Laqgha tal-Kunsill fit-tlieta ta' wara nofsinhar (3:00pm).

**PREZENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | DARREN ABELA |
| Il-VICI SINDKU | CHRISTINE DALLI |
| IL-KUNSILLIERA | ROSE AGIUS |
| IL-KUNSILLIER | ANDREAS GATT |
| IL-KUNSILLIER | KEITH FENECH |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

SEGRETARJU EŻEKUTTIV - FIONA CUTAJAR

**MINUTI**

Is-Sindku Darren Abela ippresjeda l-laqgħa.

**16.1 Qari tal-ittri ta' apologiji**

16.1.1 Ma tressqu ebda ittri ta' apologiji

**16.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

16.2.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq ghall-approvazzjoni, il-Minuti tal-Laqgha Numru 14 li nzammet nhar il-Hamis, 12 ta' Marzu, 2020.

16.2.2 Il-Minuti tal-Laqgha Numru 14 tqassmu minn qabel u ghaldaqstant unanimament gew ikkunsidrati bhala moqrija.

16.2.3 **Mozzjoni 16-01**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha tal-Kunsill Numru 14.

Proponent: Il-Vici Sindku Christine Dalli

Sekondant: Il-Kunsilliera Rose Agius

Il-Minuti Numru 14 gew approvati unanimament.

**16.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti**

***A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 16 (08) – Marzu - April 2020***

16.3.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 16(08) biċ-ċekkijiet numru 6954 sa 6992 li tammonta €110,248.32

16.3.2 Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li mal-lista se tkun qed izzid ukoll il-hlasijiet tal-compare tal-Karnival ta' €150 u il-hlas ta' Agones ghall-Carnival Fun Run ta' €1075.77

16.3.3 Rigward il-pagament b'cekk numru 6984 lill-Urban Play Solutions, il-Kunsill qabel li ghat-tielet pagament johrog 85% tax-xoghol certifikat mill-Perit bhal ma ghamel fil-hlasijiet precedenti, ghaldaqstant se jkun qed ihallas l-ammont ta' €71,483.47

16.3.4 **Mozzjoni 16-02**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 16(08) bl-ammont ta' €110,248.32

Proponent: Kunsillier Keith Fenech

Sekondant: Il-Kunsillier Andreas Gatt

L-iSkeda ta' Pagamenti Numru 16(08) giet approvata unanimament.

## 16.4 Korrispondenza

16.4.1 Tressqet korrispondenza dwar zewg kontijiet ta' xoghlijiet li saru fi Gnien 2000 ta' tqeghid ta' hamrija u qlugh ta' sigar. L-ammont huwa ta' €1238 u €708 rispettivament. Is-Sindku qal li hu ordna dawn ix-xoghlijiet u ma inghatax kwotazzjoni qabel izda kkonferma li x-xoghol sar. Il-membri l-ohra tal-Kunsill hassew li dan il-kont jista jkun xi ftit esegerat u ghaldaqstant talbu li nitolbu lill-Kuntrattur kjarifika tax-xoghlijiet u revizjoni tal-prezz.

16.4.2 Tressqet korrispondenza minghand GOTO Malta fejn dawn qed joffru karozza milli ghandha l-kumpanija sabiex tintuza' mill-Kunsill Lokali f'dawn iz-zminijiet. Il-Kunsill irringrazzja l-kumpanija ghal din l-inizzjattiva izda ghalissa m'ghandux il-htiega ghall-uzu ta' din il-karozza.

16.4.3 Tressqet korrispondenza dwar Progett OK dwar fondi liz-zghazagh. Il-Kunsill qabel li ghandha tingieb iktar informazzjoni dwar dan il-progett.

16.4.4 Tressqet kwotazzjoni sabiex isiru 2 murals fil-bandli l-gdid. L-ispiza hija ta' €220. Il-Kunsill approva din il-kwotazzjoni.

16.4.5 Is-Segretarju Ezekuttiv tkellmet dwar it-Tender tal-gbir ta' Skart fejn qalet li matul l-Evalwazzjoni gie nnutat li iz-zewg offerti mitfugha hemm differenza kbira fil-prezz. Ghaldaqtant il-Kunsill qabel li ghandu jimxi fuq l-orhos offerta u jikkjarifika mal-kuntrattur li se jkun qed juza vettura zghira sabiex jingabar skart minn Triq Has-Saptan u Triq Carmelo Rosario Dimech.

16.4.6 Rigward is-sitwazzjoni ta' rimi ta' skart illegali fi Pjazza San Gorg, is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li meta jkollha l-IP address tal-cameras, se tkun qed tghaddi l-informazzjoni kollha lil-LESA sabiex tkun tista tharrek dawn l-individwi li qed iwettqu dawn l-abbuzi. Il-Vici Sindku Christine Dalli pproponiet li jitwahhlu bankijiet fil-Pjazza sabiex forsi nnaqsu milli jkomplu jitfghu skart fiz-zona. Il-Kunsill qabel li jitwahhlu bankijiet. Il-Kunsillier Andreas Gatt ppropona li jigu ddisinjati tabelli innovattivi li ghandhom x'jaqsmu mal-iskart. Dwar dan il-Kunsill qabel fil-principju u ghaldaqstant jitressqu xi disinji fil-laqghat li jmiss.

*F'dan l-istadju tal-Laqgha il-Kunsillier Keith Fenech talab li jkun skuzat.*

## 16.5 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

16.5.1 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar l-iskart li qed jinhareg minn propjeta fi Triq Hal Tarxien. Is-Sindku qal li din il-propjeta qed tintuza u qed jigi ggenerat xi skart. Minhabba li din iz-zona tat-triq tinsab fil-konfini ta' Hal Ghaxaq, se jkun qieghed ikellem lill-kuntrattur tal-gbir ta' skart, fejn dan ibattal l-iskip faccata ta' din il-propjeta. Jekk il-kuntrattur ma jsibx oggezzjoni li jiehu dan l-iskart ukoll, il-Kunsill ghandu jaghmel l-arrangament mieghu izda jekk dan se jkun bi hlas addizzjonali, il-Kunsill ma jaqbilx li jingabar minhabba li dan mux residenzjali.

16.5.2 Is-Sindku Darren Abela ressaq ittra minghand il-Ministeru tas-Solidarjeta u l-Familja fejn dawn ma jsibux oggezzjoni li jsir il-Monument tal-Familja fir-Rahal. Il-Vici Sindku Christine Dalli sostniet li jekk ha jsir Monument tal-Familja dan ghandu jkun wiehed inklussiv.

16.5.3 Is-Sindku Darren Abela qal li huwa ddizapuntat ghal mod ta' kif il-kazini uzaw l-Karnival bhala pjattaforma sabiex isir reklamar ghall-attivitajiet taghhom. Huwa sostna li se jkun qed jinfurmahom biex din ma tergax issir.

16.5.4 Is-Sindku Darren Abela ressaq ilment dwar ipparkjar illegali li qed isir minn sid ta' *showroom* tal-karozzi f'Dawret Hal Ghaxaq. Is-Sindku qal li ma jsib ebda oggezzjoni li jkollu sa tliet karozzi ipparkjati barra izda mhux iktar minn hekk, ghax dawn qed ikunu ta' inkonvenjent ghar-residenti tal-madwar. Ghaldqstant ghandu jigi nfurmat dwar dan.

16.5.5 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar toroq bla isem fiz-zoni rurali. Il-Kunsill qabel li dawn jigu mghotija ismijiet ta' fjuri.

16.5.6 Is-Sindku Darren Abela ressaq ilment dwar sewqan ta' zwiemel fi Triq l-Andar. Informa li dan se jigi rrapurtat lill-pulizija. Il-Kunsillier Andreas Gatt fakkar sabiex jitwahhlu r-*road humps* fl-istess triq imsemmija.

16.5.7 Is-Sindku Darren Abela ppropona li jitwahhal bin milli inxtraw ghall-Bir id-Deheb, u dan jitwahhal fi Vjal il-Labour. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li l-bollards qeghdin jinhadmu u kif ikunu lesti jitwahhlu.

16.5.8 Is-Sindku Darren Abela ppropona li ssir bozza fejn il-ground tal-Kappillan. Il-Kunsill qabel.

16.5.9 Is-Sindku Darren Abela ppropona ukoll li l-bankijiet jinksew bil-plastik biex ma jintuzawx min-nies bhal ma qed jaghmlu diversi Kunsilli. Il-Kunsill ma qabilx li jsir dan, l-ewwel haga minhabba l-ammont ta' plastik li jintuza' li jaghmel hsara lill-ambjent u t-tieni punt li l-Kunsill ma jhossx li ghad hemm nies li qed jingemghu bilqeghda fuq il-bankijiet.

*F'dan l-istadju tal-laqgha, il-Kunsillier Keith Fenech irritorna.*

**16.6 <u>Mistoqsijiet u Twegibiet tal-Kunsillieri</u>**

16.6.1 Il-Kunsilliera Rose Agius fakkret dwar il-laqgha li trid taghmel mal-Onorevoli Silvio Parnis sabiex tiddiskuti in-Night Shelter ghall-anzjani.

16.6.2 Il-Kunsillier Andreas Gatt ressaq talba sabiex titpogga cat café fi Triq it-Tumbarellu. Il-Kunsill qabel li jara mar-residenti tal-madwar jekk jaqblux.

16.6.3 Il-Kunsillier Andreas Gatt ppropona li jitwahhlu tabelli ta' *stop sign* u *give way* fi Triq il-Belt Valletta.

16.6.4 Il-Kunsillier Andreas Gatt qal li wahda mit-tabelli innovattivi ghandha tkun sabiex il-vetturi ma jithallewx ipparkjati bil-magna startjata.

16.6.5 Il-Kunsillier Andreas Gatt ressaq talba sabiex jitwahhlu 6 u-bars ghan-Nursery. Il-Kunsill approva.

16.6.6 Il-Kunsillier Andreas Gatt ppropona li ssir *application/ website* sabiex jitressqu ilmenti lill-Kunsill. Il-Kunsill qabel li jingiebu l-kwotazzjonijiet.

16.6.7 Il-Kunsillier Andreas Gatt ressaq talba sabiex in-noticeboard li hemm fuq Santu Rokku jittiehed min-nursery sabiex jintuza ukoll ghall-aavvizi taghhom. Il-Kunsill ma sab ebda oggezzjoni.

16.6.8 Il-Vici Sindku Christine Dalli tkellmet dwar il-kuntrattur tal-knis fejn qalet li s'issa kennies wiehed biss qed jidher u z-zona tal-*Housing Estate* mhix qed issir regolarment. Hija ppproponiet li jekk tkompli tinnota certu nuqqasijiet se tkun qed tressaq sabiex jinhargu *default notices.*

**16.7 <u>Mozzjonijiet</u>**

16.7.1 Annessi mal-Minuti

**16.8 <u>Tmiem tal-laqgha u d-data tas-seduta li jmiss</u>**

16.8.1 Il-Laqgha li jmiss giet aggornata ghal nhar l-Erbgha 29 ta' April 2020 fit-3.00pm

Il-Laqgha ntemmet fis-6:00pm

________________________
Fiona Cutajar
Segretarju Ezekuttiv

________________________
ikkonfermati
Darren Abela
Sindku

**Minuti tal-Kunsill Lokali Hal Ghaxaq – Seduta Nru 16**

**Mozzjoni Ref:** 16-01

**Mozzjoni:**

Biex jigu approvati l-Minuti tal-Kunsill Nru. 15

| | |
|---|---|
| **Christine Dalli** | **Rose Agius** |
| **Proponent** | **Sekondant** |

**Data:** 18 ta' April 2020

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Hal Ghaxaq – Seduta Nru 16**

**Mozzjoni Ref:** 16-02

**Mozzjoni:**

Biex tigi approvata l-Iskeda ta' Pagamenti Numru 16

| | |
|---|---|
| **Keith Fenech** | **Andreas Gatt** |
| **Proponent** | **Sekondant** |

**Data:** 18 ta' April 2020

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**